MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta ta' l-20 ta' Marzu, 2003

Citazzjoni Numru. 3/2001/1

**Joseph Muscat**

**Vs**

**Frank Schembri**

**Il-Qorti;**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attur fit-3 ta' Jannar, 2001, li biha, wara li ppremetta:

1. Illi l-konvenut Frank Schembri kien xtara minghand Joseph Muscat xi ingenji konsistenti f' *"second hand spares"* u fi *"spares"* godda u dan skond dokument tal-21 ta' Ottubru 1995, liema ingenji u *spares* gew ikkonsenjati kollha lill-konvenut li ffirma ghalihom;

2. Illi l-konvenut hallas parti ta’ din is-somma kif jirrizulta mid-Dokument B, hawn anness;

3. Illi l-konvenut ghad fadallu jhallas is-somma ta’ erbat elef mija u tmintax-il Sterlina Ingliza (GBP4,118);

4. Illi interpellat ihallas din is-somma, anke permezz ta’ ittra ufficjali l-konvenut baqa’ inadempjenti;

Ghalhekk l-attur talab lil din il-Qorti sabiex:

1. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur ekwivalenti fi flus Maltin skond ir-rata tal-kambju ufficcjali fid-data tas-sentenza tas-somma ta’ erbat elef mija u tmintax-il Sterlina Ingliza (GBP4,118);

2. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv;

Il-konvenut huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota tal-Eccezzjonijiet tal-konvenut li in forza taghha eccepixxa:

1. Illi d-domandi attrici kif proposti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu stante illi l-konvenut m’ghandu jaghti xejn lill-attur;

2. Salv kull eccezzjoni ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

Semghet il-provi li ressaq l-attur;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Rat li l-konvenut ma ressaqx provi avvolja kien inghata l-opportunita' ghal dan l-iskop;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum;

Ikkunsidrat:

Illi l-attur f'din il-kawza pprova li hu biegh lill-konvenut diversi oggetti konnessi ma' karozzi, partikolarment *parts* godda u *second hand*, u dan bil-prezz ta' Lstg21,111, li l-konvenut accetta li jixtri u jhallas kif jidher mill-iskrittura minnu ffirmata fil-21 ta' Ottubru, 1995, kopja ta' liema skrittura tinsab esebita a fol 5 tal-process.

Minn dan il-prezz, il-konvenut hallas is-somma ta' Lstg. 16,993, u b'hekk fadallu bilanc ta' Lstg. 4,118. L-oggetti in kwistjoni gew debitament konsenjati u accettati, u l-konvenut ma qajjem ebda kwistjoni dwar il-kwalita' jew kundizzjoni tal-oggeti li hu xtara.

L-eccezzjoni tal-konvenut hi biss fis-sens li hu jghid li hallas is-somma kollha patwita u allura ma fadallu jaghti xejn. Bazikament, il-konvenut qed jecepixxi l-pagament u, kif inhu risaput, hi gurisprudenza kostanti fis-sistema lokali li hu l-oneru ta' min jallega l-pagament li jipprovha (ara, per ezempju, "Azzopardi vs Cutajar", deciza minn din il-Qorti fit-30 ta' Gunju, 1982, u "Seychell vs Gabriele", deciza wkoll minn din il-Qorti fid-29 ta' lulju, 1982).

Il-konvenut ma ressaq ebda prova biex jissustanzja dak li allega. Jghid biss li m'ghandu jaghti xejn, izda ma ressaq ebda ricevuta, prova jew dokument iehor li juri l-hlas. L-attur ikkonferma li l-bilanc kien u ghadu dovut mill-konvenut, u dan tal-ahhar ma ressaq ebda prova li kienet twassal lil din il-Qorti taccetta l-allegazzjoni tieghu ta' pagament. Din il-Qorti, ghalhekk, tara li l-attur irnexxielu jipprova li l-prezz tal-oggetti mibjugha ghadu ma thallasx kollu, u fadal il-bilanc indikat li ghandu jithallas mill-konvenut. Jidher ukoll li l-bejgh sar in konnessjoni man-negozju tal-konvenut, u kwindi l-imghax fuq il-prezz jibda jidekorri *ipso iure* mid-data tal-konsenja.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddispondi minn din il-kawza billi, previa li tiddikjara li l-konvenut ma rnexxilux jipprova l-eccezzjoni ta' pagament minnu sollevata u, kwindi, qed tichad l-eccezzjoni tieghu, tilqa' t-talba tal-attur u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' Lm
l-ekwivalent ta' Lstg. 4,118 skond l-ahhar rata ta' kambju ippubblikat, bl-imghax legali mill-21 ta' Ottubru, 1995, sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu kollha mill-konvenut.

--------------------------------TMIEM--------------------------------